C/2026/1957

28.4.2026

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi: għal abort sikur u aċċessibbli

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2026/1957)

Relatur: **José Antonio MORENO DÍAZ**

Konsulenti	Lidia FERNÁNDEZ MONTES (għar-relatur tal-Grupp II) Rugilė BUTKEVIČIŪTĖ (għall-Grupp III)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	18.9.2025
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	26.11.2025
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	21.1.2026
Sessjoni plenarja Nru	602
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	196/12/11

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jenfasizza u jilqa' l-isforz tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, promossa mill-moviment "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi", bil-ħsieb li jinstab mod prammatiku li jindirizza l-garanzija tal-aċċess tan-nisa għad-dritt għall-abort fl-UE.

1.2. B'risposta għal din l-inizjattiva, il-KESE jtenni li l-abort huwa u għandu jkun dritt uman li jmur id f'id ma' ħafna drittijiet oħra, mhux biss id-dritt għas-saħħa, u li għandu jiġi applikat approċċ intersezzjonali biex jiġi żgurat l-eżerċitar ġenwin u effettiv ta' dan id-dritt.

1.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta għal appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri sabiex kwalunkwe mara fl-Ewropa li għad m'għandhiex aċċess għal abort sikur u legali tkun tista' ttemm tqala b'mod sikur, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

1.4. Il-KESE jafferma mill-ġdid li ċ-ċaħda jew l-ostakolar tal-kura tal-abort jikkostitwixxu vjolenza istituzzjonali abbażi tal-ġeneru skont it-tifsira tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u d-Direttiva (UE) 2024/1385 ([1]). Għalhekk, l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkludu l-aċċess għall-abort fis-sistemi tagħhom għall-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-appoġġ għall-vittmi u, speċifikament, fis-sistemi tas-saħħa pubblika tagħhom.

1.5. Il-KESE jenfasizza li, f'konformità mal-Artikoli 2 u 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll l-Artikoli 1, 3, 21 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-aċċess għal abort sikur u legali huwa parti mid-dmir tal-Unjoni li tiddefendi d-dinjità, l-integrità u l-ugwaljanza tan-nisa.

([1]) Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj).

1.6. Id-deċiżjoni li tintemm tqala għandha tkun biss tal-mara kkonċernata, li għandha tiddeċiedi b'mod indipendenti u ħieles mill-koerċizzjoni, id-diżinformazzjoni u l-istigma.

1.7. Il-KESE jenfasizza li l-aċċess għal abort sikur u legali jrid ikun akkumpanjat minn politiki u programmi li jiżguraw libertà tal-għażla infurmata u edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità għall-popolazzjoni kollha. Kull mara u tifla għandha d-dritt li tieħu deċiżjonijiet awtonomi u bbażati fuq l-evidenza dwar ġisimha u l-ħajja riproduttiva tagħha, mingħajr ma tiġi mfixkla minn koerċizzjoni, diżinformazzjoni jew stigma.

1.8. L-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità — kif stabbilit fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u fil-Gwida Teknika Internazzjonali tal-UNESCO dwar l-Edukazzjoni Sesswali Komprensiva– hija essenzjali għall-prevenzjoni ta' tqala mhux ippjanata, għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-protezzjoni kontra l-vjolenza sesswali.

1.9. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jintegraw edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, li tkun xjentifikament rigoruża u adatta għall-età u l-kapaċitajiet differenti, fil-kurrikuli tal-iskejjel u fil-programmi rilevanti tal-UE, jintroduċu sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' tali programmi u jiżguraw li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jirrispettaw il-kunsens infurmat u l-awtonomija tal-pazjenti.

1.10. Il-KESE jqis li l-Kummissjoni Ewropea se jkollha tispeċifika aktar kif se jiġu strutturati l-fondi tal-UE biex jiġi ffinanzjat l-eżerċitar ta' dan id-dritt, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jkopru l-ispejjeż ta' nisa li jkunu qed jikkunsidraw l-abort.

1.11. Fin-nuqqas ta' data li tiffaċilita l-implimentazzjoni adatta ta' politiki effettivi, il-KESE jirrakkomanda li l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-Eurostat jiġbru data diżaggregata dwar is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi.

1.12. Il-KESE jemmen li d-drittijiet tan-nisa jeħtieġ li jissaħħu fid-dawl ta' attakki mill-gruppi tal-lemin estrem u dawk fundamentalisti.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-kampanja "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi" tagħti liċ-ċittadini tal-UE l-opportunità li jagħmlu l-ħajja tan-nisa aktar ħielsa, sikura u aħjar, irrispettivament minn fejn jgħixu fl-Unjoni, u jkunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi li jinsabu fihom.

2.2. F'dan ir-rigward, il-kampanja tenfasizza li n-nuqqas ta' aċċess għad-dritt għall-abort f'ħafna pajjiżi fl-Ewropa mhux biss ipoġġi lin-nisa f'riskju ta' ħsara fiżika, iżda jpoġġi wkoll pressjoni ekonomika u mentali bla bżonn fuqhom u fuq il-familji tagħhom, b'mod partikolari fuq dawk li jgħixu f'kundizzjonijiet soċjali, ekonomiċi, ta' impjieg jew kulturali prekarji.

2.3. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta għal appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri sabiex kwalunkwe mara fl-Ewropa li għad m'għandhiex aċċess għal abort sikur u legali tkun tista' ttemm tqala b'mod sikur, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

2.4. Din is-soluzzjoni tista' tieħu l-forma ta' mekkaniżmu ta' inklużjoni fakultattiva miftuħ għall-Istati Membri fuq bażi volontarja. Dawk li jagħżlu li jipparteċipaw imbagħad jirċievu appoġġ finanzjarju mill-UE bħala kumpens għall-piż ta' dan l-isforz ta' solidarjetà. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bl-istess titolu tagħmel parti mill-qafas tal-kompetenzi ta' appoġġ tal-UE.

2.5. L-inizjattiva rċeviet 1 124 513 firma ta' appoġġ mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija u l-Iżvezja. F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza l-isforzi li jinvolvi l-ġbir ta' firem.

2.6. L-inizjattiva, li ġiet irreġistrata fl-10 ta' April 2024, ġiet ivvalidata fl-1 ta' Settembru 2025, li jindika b'mod ċar li hija fil-kompetenza tal-UE u mhijex koperta mill-kompetenzi tal-Istati Membri.

2.7. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ din l-inizjattiva, li hija pass ieħor lejn il-kisba ta' abort sikur, legali u aċċessibbli għan-nisa fl-UE.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. L-aċċess għal abort sikur u legali jrid ikun dritt tal-bniedem. L-abort huwa kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u l-iżgurar tal-aċċess għalih huwa l-aħjar mod biex tiġi protetta l-awtonomija fiżika tan-nisa u titnaqqas il-mortalità materna.

3.2. Id-deċiżjoni li tintemm tqala għandha tkun biss tal-mara kkonċernata, li għandha tiddeċiedi b'mod indipendenti u ħieles mill-koerċizzjoni, id-diżinformazzjoni u l-istigma.

3.3. L-Istati Membri huma obbligati jirrispettaw, jipproteġu u jwettqu d-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk relatati mas-saħħa u d-drittijiet għall-awtonomija fiżika, sesswali u riproduttiva. Servizzi ta' abort sikur u legali li jkunu ristretti b'mod mhux ġustifikat, jew ma jkunux kompletament disponibbli, jirrestringu mhux biss l-aċċess għall-abort, iżda wkoll id-dritt stess għall-abort, u dan jista' jipperikola sensiela ta' drittijiet oħra tal-bniedem li huma protetti internazzjonalment, inklużi d-dritt għan-nondiskriminazzjoni u għall-ugwaljanza; id-dritt għall-ħajja, is-saħħa u l-informazzjoni; id-dritt li l-individwi jkunu ħielsa minn trattament krudili, inuman jew degradanti; id-dritt għall-privatezza u l-awtonomija u l-integrità fiżika; id-dritt li n-nisa jiddeċiedu kemm ikollhom tfal u l-perjodu ta' żmien bejn tqala u oħra; id-dritt għal-libertà; id-dritt li jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-avvanz xjentifiku u d-dritt għal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin.

3.4. Dawn id-drittijiet huma stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u protetti permezz ta' bosta trattati internazzjonali, bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Konvenzjoni kontra t-Tortura (UNCAT), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), kif ukoll fi trattati reġjonali fl-Afrika, fl-Amerka u fl-Ewropa.

3.5. L-Artikolu 12(1) tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa jistabbilixxi li l-Istati Parti għandhom jieħdu l-miżuri adatti kollha biex jeliminaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-qasam tal-kura tas-saħħa sabiex jiżguraw, abbażi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, inklużi dawk relatati mal-ippjanar tal-familja. B'mod aktar speċifiku, ir-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 35 tal-Konvenzjoni tgħid b'mod espliċitu li l-kriminalizzazzjoni tal-abort tikkostitwixxi ksur tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa u forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, u tħeġġeġ lill-Istati Membri jirrevokaw kwalunkwe leġiżlazzjoni li tikkriminalizza l-abort.

3.6. F'konformità mal-Artikoli 2 u 8 tat-TUE u t-TFUE, kif ukoll l-Artikoli 1, 3, 21 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-aċċess għal abort sikur u legali huwa parti mid-dmir tal-Unjoni li tiddefendi d-dinjità, l-integrità u l-ugwaljanza tan-nisa.

3.7. Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità timpenja lill-Istati Parti jipprovdu lill-persuni b'diżabilità l-istess firxa ta' kura u programmi tas-saħħa mingħajr ħlas jew affordabbli u tal-istess kwalità li jiġu offruti lil individwi oħra, inkluż fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva, u programmi tas-saħħa pubblika mmirati lejn il-popolazzjoni.

3.8. Barra minn hekk, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxa speċifikament li d-deċiżjoni ta' mara li tinterrompi volontarjament it-tqala tagħha hija parti mid-dritt għall-privatezza u li n-nuqqas ta' rispett tad-deċiżjoni ta' mara li jkollha abort legali jikkostitwixxi ksur tad-dritt għall-privatezza, inkluż f'każijiet fejn il-ġudikatura tinterferixxi ma' tali deċiżjoni ([2]).

3.9. Aktar reċentement, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti inkludew is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi fost il-miri tagħhom, speċifikament l-għan 3.7 (biex jiġi żgurat aċċess universali għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inklużi l-ippjanar tal-familja, l-informazzjoni u l-edukazzjoni, u l-integrazzjoni tas-saħħa riproduttiva fl-istrateġiji u l-programmi nazzjonali) u l-għan 5.6 (li jidentifika l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi kif miftiehem f'konformità mal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-dokumenti ta' eżitu tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom).

([2]) https://www.ohchr.org/sites/default/files/Documents/Issues/Women/WRGS/SexualHealth/INFO_Abortion_WEB.pdf.

3.10. Bl-istess mod, fl-Opinjoni tiegħu dwar *Il-vjolenza kontra n-nisa bħala kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem: is-sitwazzjoni attwali tal-miżuri fl-UE kollha* ([3]), il-KESE josserva bi tħassib li r-restrizzjonijiet attwali fuq it-terminazzjoni volontarja, ħielsa u sikura tat-tqala u l-fastidju li jsofru n-nisa (b'mod partikolari fil-viċinanza tal-kliniċi) ma ġewx ikkunsidrati bħala forom speċifiċi ta' vjolenza kontra n-nisa u jirrakkomanda leġiżlazzjoni dwar żoni siguri fil-viċinanza tal-kliniċi biex jiġu evitati l-fastidju u l-intimidazzjoni.

3.11. Il-garanzija tad-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa għandha tinkludi d-dritt li n-nisa jkunu liberi li jiddeċiedu dwar it-terminazzjoni volontarja tat-tqala u d-dritt għall-abort, kif ukoll li jkollhom aċċess effettiv għall-abort. Fid-dawl ta' attakki sistematiċi minn gruppi fundamentalisti u tal-lemin estrem, il-KESE jqis li jeħtieġ li jiġu inkorporati miżuri legali fl-Istati Membri biex jiggarantixxu mhux biss dan id-dritt iżda wkoll l-eżerċitar liberu tiegħu.

3.12. Il-KESE jinnota li anke fejn l-abort huwa legali, għad hemm disparitajiet reġjonali u soċjali li jillimitaw l-aċċess effettiv. F'diversi żoni rurali, ifqar jew kulturalment konservattivi, apparti infrastruttura medika fqira, hemm ukoll stigma, pressjoni morali u normi patrijarkali stabbiliti li, f'ċerti kuntesti lokali, għadhom ikkundizzjonati minn kodiċijiet patrijarkali tradizzjonali tal-unur jew pressjonijiet komunitarji qawwija. Dawn il-kundizzjonijiet jinkoraġġixxu l-biża', is-silenzju u saħansitra t-twelid sigriet, b'konsegwenzi serji għas-saħħa fiżika u mentali. Il-KESE jenfasizza li l-iżgurar ta' aċċess effettiv jirrikjedi mhux biss garanziji legali u istituzzjonali, iżda wkoll edukazzjoni u miżuri soċjali biex tiġi miġġielda l-istigma u tiġi protetta l-awtonomija tan-nisa.

3.13. Il-KESE jafferma mill-ġdid li ċ-ċaħda jew l-ostakolar tal-kura tal-abort jikkostitwixxu vjolenza istituzzjonali abbażi tal-ġeneru skont it-tifsira tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u d-Direttiva (UE) 2024/1385. Għalhekk, l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkludu l-aċċess għall-abort fis-sistemi tagħhom għall-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-appoġġ għall-vittmi u, speċifikament, fis-sistemi tas-saħħa pubblika tagħhom.

3.14. Fl-4 ta' Marzu 2024, Franza naqqxet il-libertà garantita tal-abort fil-Kostituzzjoni tagħha (u b'hekk saret l-ewwel pajjiż fid-dinja li fih l-abort huwa dritt kostituzzjonali), bil-għan li tiġi stabbilita salvagwardja kontra r-rigressjoni tad-dritt għall-abort fl-UE u fid-dinja. F'Jannar 2022, Emmanuel Macron, li dak iż-żmien kellu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kien diġà ippropona li l-Parlament Ewropew jinkludi d-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

3.15. Ir-riċerka turi li hemm network kumpless ta' 275 attur, li bejn l-2019 u l-2023 irċieva finanzjament li jammonta għal USD 1,18 biljun bil-għan li jdgħajjef id-drittijiet sesswali u riproduttivi fl-Ewropa ([4]). Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal rispons Ewropew koordinat u proattiv biex jiġu protetti dawn id-drittijiet.

3.16. Fid-dawl ta' dan kollu, il-KESE jqis, l-istess bħal organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, li l-aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi — inklużi servizzi ta' abort sigur u legali li jiggarantixxu aċċess effettiv — jikkostitwixxi dritt fundamentali; iqis ukoll li s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi huma essenzjali biex tinżamm id-dinjità tal-bniedem peress li huma intrinsikament marbuta mal-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, mal-ksib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ma' firxa wiesgħa ta' drittijiet tal-bniedem oħra bħad-dritt għall-ħajja, għas-saħħa, għall-privatezza, għas-sigurtà, għan-nondiskriminazzjoni, għall-ugwaljanza quddiem il-liġi u għall-ħelsien mit-tortura u minn trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra;

3.17. Il-KESE jtenni l-impenn tal-UE li tiżgura li n-nisa u l-bniet kollha jiġu ggarantiti awtonomija fiżika sħiħa u kontroll sħiħ u awtonomu fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, u li jiddeċiedu liberament dwarhom, mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni jew vjolenza ([5]).

3.18. L-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità — kif stabbilit fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u fil-Gwida Teknika Internazzjonali tal-UNESCO dwar l-Edukazzjoni Sesswali Komprensiva– hija essenzjali għall-prevenzjoni ta' tqala mhux ippjanata, għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-protezzjoni kontra l-vjolenza sesswali.

([3]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Il-vjolenza kontra n-nisa bħala kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem: is-sitwazzjoni attwali tal-miżuri fl-UE kollha (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C, C/2025/2005, 30.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2005/oj).

([4]) Forum Parlamentari Ewropew għad-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi: *The Next Wave: How Religious Extremism Is Regaining Power*.

([5]) https://www.igualdad.gob.es/wp-content/uploads/SRHR-MINISTERIAL-DECLARATION-SIGNED-2.pdf.

3.19. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jintegraw edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità adatta għall-età u għall-ħtiġijiet ta' diversi gruppi u li tkun xjentifikament rigoruża fil-kurrikuli tal-iskejjel u fil-programmi rilevanti tal-UE, jintroduċu sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' tali programmi u jiżguraw li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jirrispettaw il-kunsens infurmat u l-awtonomija tan-nisa.

3.20. Il-KESE jixħet dawl fuq il-vulnerabbiltà partikolari tal-minoranzi etniċi u reliġjużi, tan-nisa li jemigraw, li jiġu minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati jew li jgħixu f'żoni rurali, tan-nisa b'diżabilità, tan-nisa leżbjani u ta' dawk bisesswali, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-aċċess għad-drittijiet għall-abort, u jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ intersezzjonali.

3.21. Il-KESE jqis li l-bidliet leġiżlattivi għandhom ikunu akkumpanjati minn appoġġ finanzjarju sostenibbli biex id-dritt għall-aċċess għall-kura tal-abort isir realtà.

3.22. Iqis ukoll li, kif indikat mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' April 2024 (b'336 vot favur, 163 vot kontra u 39 astensjoni), id-dritt għall-abort, u l-finanzjament tiegħu, għandhom jiġu inklużi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ([6]).

3.23. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis din l-inizjattiva u tiżgura li d-dritt għall-abort ikun aċċessibbli u verament disponibbli, billi tfassal skeda ta' żmien mill-iżjed fis għall-implimentazzjoni tiegħu.

3.24. Il-KESE jqis li l-Kummissjoni Ewropea se jkollha tispeċifika kif se jiġu strutturati l-fondi tal-UE biex jiġi ffinanzjat l-eżerċitar ta' dan id-dritt, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jkopru l-ispejjeż ta' nisa li jixtiequ jabortaw.

3.25. Fid-dawl tan-nuqqas ta' data, il-KESE jirrakkomanda li l-EIGE u l-Eurostat jiġbru data diżaggregata dwar id-drittijiet sesswali u riproduttivi.

3.26. Il-KESE jistieden ukoll lill-UE tiġġieled b'mod attiv id-diżinformazzjoni dwar l-abort xprunata mil-lemin estrem, u li hija ostaklu għall-awtonomija u s-saħħa tan-nisa, u għall-eżerċitar tad-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom.

3.27. Il-KESE jikkundanna r-rigress tad-drittijiet tan-nisa u t-tentattivi rigressivi kollha biex jiġu ristretti jew eliminati l-protezzjoni eżistenti għas-saħħa, id-drittijiet sesswali u riproduttivi u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

3.28. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, tal-organizzazzjonijiet femministi u tad-drittijiet tan-nisa fir-rigward tad-difiża tad-dritt għall-abort — speċjalment f'pajjiżi fejn l-abort huwa pprojbit jew l-aċċess għalih huwa limitat– u fir-rigward tal-iżgurar tal-aċċess għall-abort billi jinfluwenzaw ir-riforma legali, il-forniment tas-servizzi u l-edukazzjoni pubblika. Il-KESE jappella għal finanzjament speċifiku biex jiġu appoġġjati dawn l-organizzazzjonijiet, speċjalment fl-Istati Membri fejn l-ispazju ċiviku qed jiċkien u d-dritt għall-abort huwa mhedded.

3.29. Barra minn hekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw protezzjoni legali, fiżika u online kontra l-istigmatizzazzjoni, il-fastidju u l-intimidazzjoni tal-attivisti, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa u n-nisa li jiddeċiedu li jabortaw.

3.30. Il-KESE jinnota bi tħassib kbir ir-rigress globali fil-kuntest tal-appoġġ internazzjonali għall-ippjanar tal-familja u d-drittijiet sesswali u riproduttivi. L-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Internazzjonali (USAID) storikament kienet waħda mill-akbar finanzjaturi fid-dinja tas-servizzi tal-ippjanar tal-familja u tas-saħħa riproduttiva, u appoġġjat miljuni ta' nisa u bniet fid-dinja; madankollu, ikkanċellat kważi s-sussidji kollha għall-ippjanar tal-familja u reġgħet daħħlet ir-regola "global gag". Il-KESE jħeġġeġ lill-UE tagħmel aktar sforzi fir-rigward tat-tmexxija globali tagħha fil-qasam tad-difiża tad-drittijiet sesswali u riproduttivi u tal-iżgurar tal-aċċess għal kura vitali.

([6]) https://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20240408IPR20314/women-must-have-full-control-of-their-sexual-and-reproductive-health-and-rights.

3.31. Għalhekk, il-KESE jixtieq jenfasizza u jilqa' l-isforz tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, promossa mill-moviment "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi", bil-ħsieb li jinstab mod prammatiku li jindirizza l-aċċess tan-nisa għad-dritt għall-abort fl-UE. F'dan ir-rigward, il-KESE jtenni li l-abort huwa dritt fundamentali li jmur id f'id ma' ħafna drittijiet oħra, mhux biss id-dritt għas-saħħa, u li għandu jiġi applikat approċċ intersezzjonali biex jiġi żgurat l-eżerċitar ġenwin u effettiv ta' dan id-dritt.

Brussell, il-21 ta' Jannar 2026.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Séamus BOLAND